**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

L u C konjuġi S
(K.I. XX u XX rispettivament)
*vs*

(1) JC (K.I. XX)
(2) Il-Perit CT

**Protest Ġudizzjarju ta' L u C konjuġi S:**

Jesponi bir-rispett,

Illi l-esponenti huma sidien tal-fond *ossia* dar bin-numru XX fi Triq il-XX, XX filwaqt li l-intimat JC ta lok għal xogħlijiet ta' skavar, tqattiegħ, kostruzzjoni u bini sabiex tiġi kostruwita dar, kif ukoll jiġi skavat *basement* u ġibjun fil-fond adjaġenti l-proprjeta' tal-esponenti u ċjoe fis-sit proprjeta' tal-intimat JC li jġib in-numru XXfi Triq il-XX, XX;

Illi l-istess intimat kiseb permezz mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar bin-numru PAXX/XX sabiex issir id-demolizzjoni tad-dar eżistenti, tiġi kostruita dar, jiġi skavat u kostruit *basement* u sabiex jiġi skavat u kostruit ġibjun sottostanti l-istess dar. L-intimat l-ieħor il-Perit CT huwa l-perit li applika għall-iżvilupp u sa fejn jafu l-esponenti huwa responsabbli mix-xogħlijiet;

Illi fil-kors tax-xogħlijiet imsemmija, saru diversi ħsarat fil-proprjeta' tal-mittenti liema ħsarat jinkludu dan li ġej:

(i) Meta kienet qiegħda titwaqqa' d-dar li kien hemm preċedentement fis-sit in kwistjoni, ġie miġbud travu li laqat il-ħajt proprjeta' tal-esponenti li huwa adjaċenti għal dak tal-intimat JC;
(ii) Ix-xogħol tal-iskavar li sar fil-proprjeta' tal-intimat JC wassal għal vibrazzjonijiet qawwijin li nħassu fil-proprjeta' tal-esponenti u liema vibrazzjonijiet wasslu għal impatt fuq il-faċċata tal-proprjeta' tal-esponenti;
(iii) B'konsegwenza tal-istess vibrazzjonijiet, id-dar tal-esponenti spiċċat b'diversi ħofor, b'konsegwenza li meta għamlet ix-xita il-fond tal-esponenti ġarrab diversi ħsarat. Il-ħsarat huma mifruxa mad-dar kollha fosthom fil-*washroom,* fuq il-bejt, fil-garaxx u anke fil-ġardina li tinsab fil-parapett;

Illi in vista tal-ħsarat sofferti fil-fond proprjeta' tal-esponenti, huma ottjenew diversi kwotazzjonijiet sabiex jaraw kemm ser jiswa x-xogħol rimedjali, liema kwotazzjonijiet jammontaw għal €X oltre l-VAT fl-ammont ta' €X li b'kollox jammonta għal €X. Dan kollu, inkluż il-ħsarat li saru fil-fond proprjeta' tal-esponenti huma spjegati fid-dettall fir-rapport peritali tal-Perit JS, li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. "A";

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tal-esponenti sabiex l-intimati jirrimedjaw il-ħsara li wettqu, huma baqgħu inadempjenti u minħabba dan l-esponenti qegħdin jirrekaw danni apparti l-fatt li qegħdin ta' kuljum jiġu esposti għal periklu ċar;

Illi minkejja d-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2019 dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni (A.L. 136 tal-2019) sal-lum ma jidhirx li l-intimati ikkonformaw rwieħhom mal-liġi u wisq anqas ma pprovdew għas-sigurta tal-esponenti;

Illi għalhekk l-esponenti ma kellhom ebda għażla oħra għajr li jipprotestaw l-aġir tal-intimati quddiem din l-Onorabbli Qorti;

Illi għal kull buon fini l-esponenti qegħdin jinnotifikaw ukoll lill-*Building Regulation Office*;

Għaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li jġibu s-suespost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jipprotestaw dan l-aġir tal-intimati u jinterpellawhom jew min minnhom sabiex minnufih jiddeżistu mill-jkompli bl-atti illegali tagħhom fil-waqt li entro jumejn min-notifika tal-odjern protest jagħmlu x-xogħlijiet riparatorji meħtieġa taħt id-direzzjoni tal-perit ta' fiduċja tal-esponenti kif ukoll jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li l-esponenti sofrew u sejrin isofru minħabba tali aġir u dan filwaqt li jqiegħduhom *in dolo, mora et culpa,* għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Bl-ispejjeż.

Avv. Marthese Grech
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

P.L. Jean-Pierre Busuttil

Esponenti: X

Intimati: (1) Y
(2) Z

Notifika: Building Regulation Office, Horn Works Ditch, Triq Emvin Cremona, Il-Furjana